MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 7/2014

**Bajja Investments Limited (C 13745)**

**vs**

**Giorgio Ranieri u, b'digriet tas-7 ta' Mejju 2014, Dr Anthony Cutajar nhatar bhala Kuratur ta' l-assenti Giorgio Ranieri**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-9 ta’ Jannar 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hamest elef, disgha mija u tlieta u sittin Euro (€5,963) rapprezentanti servizzi prestati u kontijiet mhux imhallsa fil-lukanda Le Meridien, St. Julians Hotel & Spa, li ghalihom huwa dahal garanti permezz ta’ skrittura privta datata 6 ta’ Jannar 2011 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Rat illi fis 7 ta’ Meju 2014, fuq talba tas-socjeta rikorrenti, il_Qorti appuntat lill Dr Anthony Cutajar sabiex ikun Kuratur Deputat ghallassenti konvenut Giorgio Ranieri.

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat dr Anthony Cutajar ippresentat fis 26 ta’ Mejju 2014 fejn stqarr illi ma huwiex edott bil-fatti u ghalhek ma setax iressaq risposta dwar il-fatti.

Rat l-affidavit ta’ **David Sammut** ippresentat fit 3 ta’ Gunju 2014.

Rat ix-xhieda ta’ **Franco Vella**, li kien General Manager tal-Lukanda le Meridien, migbura quddiem l-Assistant Gudizzjarju fit 23 ta’ Jannar 2015.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-Kuratur Deputat Dr Anthony Cutajar fid 29 ta’ Jannar 2015 u fis 16 ta’ Frar 2015 fejn l-istess Kuratur Deputat ipprova jikkomuika ma’ l-assenti Giorgio Ranieri izda minghajr success.

Rat illi fis 16 ta’ Frar 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw u l-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza.

Rat illi l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti gie ikkonfermat mir-rappresentant taghha David Sammut u ma ngiebu ebda provi sabiex jikkontestaw il-veracita’ ta’ tali kont u servizz rez, u gahlhekk it-talba attici giet ippruvata.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, disgha mija u tlieta u sittin Euro (€5,963) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------